# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 876/15MH**

**Illum 21 ta' April, 2017**

**Antonio Ruggier [K.I. 0823230M]**

**vs**

**Milica Micovic [K.I. 539646M] bhala amministratrici tal-eredita' ta' Charles Sant Fournier**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat ta' Antonio Ruggier** tat-18 ta' Settembru 2015 fejn gie premess:

*I. "ILLI l-attur jikri, minghand il-konvenuta, l-fondi ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta - permezz ta' zewg kirjiet li kienu originarjament jappartjenu lil Oreste Grech, li miet fil-5 ta' Dicembru 1957, u li baqghu*

*jintirtu, skond il-ligi, sa minn dak inhar - li minnhom kien, fost ohrajn, jiggestixxi negozju bl-isem ta' "Grech's Art Studio", li kien inbeda mill-aventi causa tal-attur ghexieren ta' snin ilu;*

II. *ILLI, permezz ta' zewg sentenzi (DOK: A u DOK: B) fl-ismijiet Milica Micovic bhal amministratur tal-eredita' ta' Charles Sant Fournier vs. Kenneth Ruggier, li gew moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar il-5 ta' Dicembru 2007 u nhar it-12 ta' Dicembru 2007 rispettivament, il-konvenuta giet awtorizzata sabiex ma ggeddidx il-kirjiet tal-fondi hawn fuq imsemmija, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;*

III. *ILLI, in segwitu, il-konvenuta ntavolat zewg mandati ta' zgumbrament, ossija mandat numru 487/08MS dwar il-fond ossija 53, St. John Street, Valletta, u mandat numru 488/08LM dwar il-fond ossija 54, St. John Street, Valletta, liema mandati gew milqugha mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar l-4 ta' April 2008;*

IV. *ILLI, minkejja li l-konvenuta giet debitament infurmata, sa minn April tal-2008, illi kien l-attur illi kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq iz-zewg fondi hawn fuq imsemmija - u mhux Kenneth Ruggier, kontra min inghataw iz-zewg sentenzi tal-Bord li Jirregola l-Kera - l-istess konvenuta xorta wahda insistiet li tipprocedi billi titlob l-ezekuzzjoni taz-zewg mandati ta' zgumbrament hawn fuq imsemmija;*

V. *ILLI, effettivament, iz-zewg mandati ta' zgumbrament hawn fuq imsemmija gew debitament ezegwiti nhar id-29 ta' Mejju 2008 u konsegwentement l-attur, li kien fil-pussess taz-zewg fondi hawn fuq imsemmija, u li kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq l-istess fondi, gie zgumbrat mill-istess fondi b'mod mill-aktar abbuziv;*

VI. *ILLI, permezz ta' rikors guramentat numru 362/2008 JZM fl-ismijiet Antonio Ruggier vs. Milica Micovic bhala amministratur tal-eredita' ta' Charles Sant Fournier, l-attur talab lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-istess attur kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq il-fondi ossija 53 u 54 St. John Street, Valletta;*

VII. *ILLI, permezz ta' sentenza tad-29 ta' Settembru 2011 (DOK: C), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddikjarat u ddecidiet illi l-attur kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq il-fondi hawn fuq imsemmija, ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;*

VIII. *ILLI, wara appell li sar mill-konvenuta, l-Qorti tal-Appell (sede superjuri), permezz ta' sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 (DOK: D), ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ossija kkonfermat li l-attur kien igawdi titoli ta' kera validi u skond il-ligi fuq iz-zewg fondi hawn fuq imsemmija, ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;*

IX. *ILLI, permezz ta' ittra ufficjali tal-31 t'Awwissu 2015 (DOK: E), il-konvenuta giet debitament interpellata sabiex tirritorna c-cwievet, ossija l-pussess, taz-zewg fondi hawn fuq imsemmija lill-attur, u sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni kollha li gew sofferti mill-istess attur sa mid-29 ta' Mejju 2008;*

X. *ILLI minkejja li, nhar id-9 ta' Settembru 2015 (DOK: F), il-konvenuta irritornat ic-cwievet, ossija l-pussess, taz-zewg fondi hawn fuq imsemmija lill-attur, hija naqset milli tersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-*

*danni kollha li gew sofferti mill-istess attur, u dan minghajr ebda raguni validda fil-ligi;*

XI. *ILLI, effettivament, bejn id-29 ta' Mejju 2008 u d-9 ta' Settembru 2015, l-attur gie mcahhad mill-pussess taz-zewg fondi hawn fuq imsemmija, u konsegwentement sofra danni, konsistenti, fost ohrajn, f'telf ta' qliegh kummercjali, telf ta' uzu, u telf iehor, u spejjez inkorsi, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

XII. *ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*GHALDAQSTANT tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:*

I. *TIDDIKJARA li l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur bejn id-29 ta' Mejju 2008 - ossija d-data meta l-attur gie mcahhad mill-pussess u uzu tal-fondi ossija 53 u 54, St. John Street, Valletta - u d-9 ta' Settembru 2015 - ossija d-data meta l-attur gie reintegrat fil-pussess u uzu taz-zewg fondi hawn fuq imsemmija - u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq esposti;*

II. *TILLIKWIDA, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni kollha li sofra l-attur;*

III. *TIKKUNDANNA lill-konvenuta sabiex thallas, lill-attur, id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 t'Awwissu 2015, ossija ittra ufficjali numru 2997/2015, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-4 ta' Settembru 2015, ossija mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1399/2015, kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata ta' Milica Micovic nomine** tal-20 ta' Novembru 2015[1] li permezz taghha ressqet is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' Artiklu 2153 tal-Kodici Civili, in kwantu r-rikorrenti qieghed jirreklama danni allegatament subiti matul perjodu ta' 7 snin (bejn 2008 u 2015), cioe' in eccess tal-perjodu preskrittiv ta' sentejn, liema perjodu ma gie bl-ebda mod sospiz jew interrott;*

2. *Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregjudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet attrici ghandhom semmai jigu diretti kontra Milica Micovic nomine, ossia fil-kwalita' taghha ta' amministratrici tal-eredita' ta' Charles Sant Fournier, kif daltronde jixhed l-okkju odjern u dak tal-proceduri kollha precedenti. Ghalhekk kemm-il darba jigu milqugha t-talbiet attrici kwalsiasi ordni ghandha tinghata kontra taghha fil-vesti taghha ta' amministratrici u mhux kontriha personalment;*

3. *Illi fil-mertu u minghajr pregjudizzju, ir-rikorrent ghandu jipprova b'mod konkrett id-danni allegatament subiti minnu. Sal-lum ir-rikorrenti*

[1] Fol 44 et seq

*ma gab l-ebda prova fir-rigward minkejja li gie mitlub jissostanzja dan diversi drabi;*

*4. Illi kif inhu risaput kulhadd ghandu l-obbligu li jimminimizza d-danni li qieghed jissubixxi, u ma jidhirx illi r-rikorrent ha xi azzjoni biex jillimita t-telf allegeatament soffert;*

*5. Illi inoltre u minghajr pregjudizzju, l-intimata nomine ma hija bl-ebda mod responsabbli ghal kwalsiasi dannu talvolta rizultanti in kwantu l-proprjeta in kwistjoni kienet ghaddiet fil-pussess taghha b'mod ghal kollox legittimu bis-sahha ta' sentenzi ottenuti regolarment, u baqghat hekk fil-pusses taghha sakemm l-inkwilinat gie stabbilit b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Mejju 2015. Ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar 2016**[2] permezz ta' liema ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni.

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni.
Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016.

[2] Fol 49

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari[3].

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob danni allegatament sofferti minnu wara li gie mcahhad mill-konvenuta noe mill-pussess u uzu taz-zewg fondi mikrija lilu gewwa l-Belt Valletta u li minnhom huwa kien jiggestixxi negozju. Dan minhabba li zgumbratu mill-fondi bis-sahha ta' Mandati ta' zgumbrament nhar id-29 ta' Mejju 2008.

Minn naha taghha, fil-mertu, il-konvenuta tirribatti illi it-talbiet tieghu huma fil-fehma taghha nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti tal-kaz jirrizulta li –

i. Il-konvenuta odjerna kienet intavolat proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra Kenneth Ruggier, iben l-attur odjern, Rik Nru 36/07 fl-ismijiet *Milica Micovic noe vs Kenneth Ruggier* fejn talbet ir-ripresa tal-fondi numru 53 u 54, St.John Street, Valletta mikrija lilu minhabba li dan kien moruz fil-hlasijiet ta' kera dovuti;

ii. **Fil-5 ta' Dicembru 2007** il-Bord laqa' t-talba taghha u ordna lill-intimat jivvaka l-fondu imsemmija u jirritornahom bil-pussess battal lil Micovic fi zmien xahar[4];

[3] Verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016

iii. **Fl-10 t'April 2008** il-Bord akkorda t-talba ta' Milica Micovic ghall-hrug ta' Mandati ta' Zgumbrament Nru 487/08[5] u 488/08[6] fir-rigward taz-zewg fondi in kwistjoni;

iv. **Fl-14 t'April 2008**, Kenneth Ruggier prezenta rikors fl-atti ta' dawn il-Mandati fejn talab ir-revoka taghhom fosthom ghax insinwa li l-kirja ma kinitx tghajjat lilu izda lill-missieru, u cioe' l-attur odjern[7]. It-talba giet michuda[8] u l-Mandati gew ezegwiti fid-29 ta' Mejju 2008[9];

v. **Fl-14 t'April 2008** ukoll, l-attur odjern intavola proceduri kontra l-konvenuta odjerna Rik Nru 362/08 fl-ismijiet *Antonio Ruggier vs Milica Micovic noe* fejn talab lil din il-Qorti diversament preseduta tiddikjara li huwa jgawdi minn titolu ta' kera validi fuq il-fondi *de quo*;

vi. **Fid-29 t'Ottubru 2009**, l-attur odjern baghat ittra ufficjali lill-konvenuta odjerna fejn filwaqt li rrefera ghas-sentenzi tal-Bord tal-Kera u ghal dik tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ippremetta li Milica Micovic minn dejjem kienet taf jew missha kienet taf li l-fondi in kwistjoni kienu fil-pussess esklussiv tieghu u mhux ta' ibnu u li minhabba l-agir abbuziv taghha huwa gie mcahhad mill-uzu tal-fondi *de quo* sabiex jiggestixxi n-negozju tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet huwa zamm lil Micovic responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnu konsistenti, *inter alia*, f'telf ta' uzu, telf ta' qliegh u telf iehor u

---

[4] Fol 6 et seq u fol 9 et seq
[5] Fol 227 et seq
[6] Fol 248 et seq
[7] Fol 237 et seq u fol 250 et seq
[8] Digrieti tal-21 t'April 2008 a fol 243 u a fol 256
[9] Fol 245A u fol 270A

nterpellaha sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni konsegwenzjali[10];

vii. Micovic irreagixxiet ghal din l-ittra ufficjali permezz ta' ittra responsiva tas-**16 ta' Novembru 2009** li fiha nnegat li kienet taf jew kien imissha tkun taf illi l-fondi de quo kienu fil-pussess tieghu u mhux ta' ibnu. Anzi hija attribwiet *mala fede* lill-istess Ruggier talli naqas milli jgib provi biex isostni l-jedd tal-inkwilinat u zammitu responsabbli ghad-danni kollha li ghad tista' tissubixxi minhabba dan l-agir abbuziv tieghu[11];

viii. B'sentenza data **29 ta' Settembru 2011**, il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attur odjern fil-kawza Rik Nru 362/08 fl-ismijiet *Antonio Ruggier vs Milica Micovic noe* u ddikjarat li huwa jgawdi minn titolu ta' kera validu fuq il-fondi *de quo* [12];

ix. Milica Micovic appellat minn dik is-sentenza;

x. **Fil-11 t'Ottubru 2011** l-attur baghat ittra ufficjali ohra lill-konvenuta bazata fuq premessi simili ghal dawk tal-ittra ufficjali tieghu tad-29 t'Ottubru 2009 fejn ghal darb'ohra rega' zamm lil Micovic responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnu konsistenti, *inter alia*, f'telf ta' uzu, telf ta' qliegh u telf iehor[13];

xi. Permezz ta' ittra ufficjali tal-**21 t'Ottubru 2011**, Micovic irrespingiet it-talbiet ta' Ruggier, inkluz dawk dwar id-danni bhala ntempestivi

[10] Fol 81-83
[11] Fol 76A
[12] Fol 12 et seq
[13] Fol 84-86

stante li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Settembru 2011 kienet ghandha pendenti fl-appell[14];

xii. Fid-**29 ta' Mejju 2015** il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza Rik Nru 362/08 fl-ismijiet *Antonio Ruggier vs Milica Micovic noe* [15];

xiii. Fit-**23 ta' Gunju 2015** intbaghet ittra bonarja lill-konvenuta permezz ta' liema l-attur talabha tikkonsenjalu c-cwievet tal-fondi in linea ma' dak deciz fis-sentenzi Rik Nru 362/08, kif ukoll sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni li gew subiti minnu b'rizultat tal-izgumbrament ghall-perjodu bejn id-29 ta' Mejju 2008 (id-data meta gie zgumbrat) sad-data tal-konsenja effettiva tac-cwievet[16];

xiv. Dawn it-talbiet regghu saru permezz ta' ittra ufficjali datata **31 t'Awissu 2015**[17] b'dana li t-talba ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kienet ghall-perjodu mill-4 t'April 2008 sad-data tal-konsenja tac-cwievet;

xv. Ic-cwievet taz-zewg fondi gew ritornati lill-attur mill-konvenuta nhar id-**9 ta' Settembru 2015**[18]**;**

xvi. Il-proceduri odjerni gew intavolati fit-**18 ta' Settembru 2015**;

xvii. Xehdet il-konvenuta fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni[19] li qalet li hija kienet ipprocediet quddiem il-Bord tal-Kera kontra iben l-attur odjern ghax hu kien ikun il-hanut u dejjem mieghu kellha

[14] Fol 87-88
[15] Fol 20 et seq
[16] Fol 70
[17] Fol 89
[18] Fol 31
[19] Seduta tal-20 ta' Mejju 2016 a fol 57 et seq

x'taqsam inkluz ghal hlasijiet tal-kera. Wara li rebhet dawk il-kawzi hija agixxiet ghall-ezekuzzjoni taghhom skont il-ligi. Eventwalment, l-attur odjern Antonio Ruggier intavola b'success proceduri quddiem din il-Qorti diversament preseduta u gie dikjarat bhala l-inkwilin tal-fondi in kwistjoni. L-ewwel darba li hija rat u saret taf bl-attur kien meta beda dawn il-proceduri. Hija tghid li f'dan il-perjodu kollu qatt ma kienet semghet minghand l-attur dwar xi danni hlief meta rceviet l-ittra bonarja Dok MM datata 23 ta' Gunju 2015[20] u dan wara li l-proceduri Rik Nru 362/08 gew decizi mill-Qorti tal-Appell. Meta l-konvenuta marret biex tirritorna c-cwievet tal-fondi lill-attur huwa qalilha li kien hemm danni sostanzjali li kien ser ikollha taghmel tajjeb ghalihom. Lanqas Kenneth Ruggier, iben l-attur qatt ma kien semma xejn dwar danni anzi lanqas qatt ma rrisponda ghall-ittri ufficjali li bghatitlu l-konvenuta. Pero' meta gew imressqa dawn il-pretensjonijiet ta' danni mill-attur, hija bonarjament avvicinatu bla pregudizzju sabiex tara kemm qed jippretendi. Izda l-attur qatt ma mar lura bil-*quantum* ta' danni mitluba minnu. Mistoqsija in kontro-ezami jekk fil-kors tal-proceduri ghall-izgumbrament l-attur kienx diga' ssenjala li l-inkwilin kien huwa u mhux ibnu, l-konvenuta qalet li ma tiftakarx.

**In linea preliminari** l-konvenuta qajmet din l-eccezzjoni li hija l-mertu tas-sentenza tal-lum:

*"1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artiklu 2153 tal-Kodici Civili, in kwantu r-rikorrenti qieghed jirreklama danni allegatament subiti matul perjodu ta' 7 snin (bejn 2008 u 2015), cioe' in eccess*

[20] Fol 70

*tal-perjodu preskrittiv ta' sentejn, liema perjodu ma gie bl-ebda mod sospiz jew interrott;"*

Il-konvenuta tissottometti li ghalkemm l-attur esibixxa xi ittri ufficjali, dawn ma nterrompewx il-perjodu msemmi b'mod kontinwat u ghalhekk it-talba ghad-danni zgur ma tistax tkopri s-seba' snin shah. Fl-aghar ipotezi, tghid il-konvenuta, id-danni li jista' jitlob l-attur huma dawk allegati mill-ahhar interruzzjoni 'l quddiem[21].

L-attur jibda billi jargumenta li din l-eccezzjoni mhix applikabbli ghal dan il-kaz. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-bazi tal-azzjoni hija wahda naxxenti minn kuntratt u mhux kwazi-delitt. Wiehed mill-obbligi ta' sid il-kera huwa li jhalli lill-inkwilin fit-tgawdija u l-pussess tal-fond. F'dan il-kaz hemm ksur car ta' dan l-obbligu. Ghalhekk la hemm kuntratt ta' kera, l-artikolu 2153 tal-Kap 16 mhuwhiex applikabbli skont l-attur. *Se mai*, ghandha tapplika l-preskrizzjoni tal-hames snin. Fit-tieni lok, huwa jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li l-azzjoni setghet tigi ezercitata. Huwa jishaq li l-azzjoni ghad-danni seta' jezercitaha biss wara li giet deciza b'mod definittiv il-kawza li kkonfermat li l-attur kien igawdi titolu ta' kera validu fuq il-fondi in kwistjoni skont il-ligi. Il-kawza odjerna saret biss ftit taz-zmien wara l-ghoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 2015. Gew anke esibiti l-ittri ufficjali li huwa baghat lill-konvenuta bi pretensjonijiet ghall-hlas ta' danni. B'referenza ghall-ittra ufficjali tal-21 t'Ottubru 2011, l-attur jghid li l-konvenuta stess irrispondiet li qabel ma jigi deciz l-appell huwa ma setax jaghmlilha kawza ghad-danni, allura ma tistax issa tagumenta li t-talba hija preskritta. In fine l-attur jargumenta li mix-xhieda tal-konvenuta rrizulta li hija kienet resqet biex tiddiskuti l-pretensjoni attrici dwar id-danni imma dehrilha li kienu gholjin wisq. F'dan il-kuntest, fil-fehma tieghu, ghandu jigi ezaminat il-punt jekk eccezzjoni tal-

[21] Sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016

preskrizzjoni tistax tkun valida meta persuna tkun irrikonoxxiet li hemm danni[22].

Ghal dawn l-argumenti l-konvenuta tirribatti li ghalkemm hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, il-mertu tal-kawza jitratta danni, u dawn huma preskritti b'sentejn u mhux hames snin. Fil-fehma taghha, minkejja li hija kienet irrifjutat li tirrikonoxxi lill-attur bhala l-inkwilin, huwa xorta kellu l-fakulta' li jinterrompi l-perjodu preskrittiv ta' sentejn. Inoltre, b'referenza ghall-argument tal-attur dwar il-kontenut tal-ittra responsiva ghall-ittra ufficjali tal-attur tal-2011, il-konvenuta tirribatti li hija kienet qeghda tirreferi ghal danni emergenti mill-kawza li f'dik l-epoka kienet fi stadju t'appell. Imma fil-kawza tal-lum, il-pretensjoni attrici tmur lil hinn minn dan ghax id-danni mitluba mhumhiex dawk emergenti mill-kawza izda mill-fatt li huwa gie mcahhad mill-pussess tal-proprjeta'. Ghalhekk l-argument tal-attur dwar dan il-punt ma jregix[23].

In succinct ghalhekk, l-evalwazzjoni li trid issir hija dwar:

1. Jekk il-preskrizzjoni applikabbli hijiex dik ta' sentejn kif indikat mill-konvenuta jew hames snin kif senjalat mill-attur;
2. Minn meta setghet tigi ezercitata l-azzjoni u jekk il-kawza hijiex preskritta;
3. Jekk bit-tahdidiet li saru bla pregudizzju bejn il-partijiet, il-konvenuta kinitx meqjusa li rrinunzjat ghall-preskrizzjoni.

## 1. Preskrizzjoni applikabbli

[22] Sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016
[23] Sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016

Il-konvenuta tistrieh fuq l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi hekk –

*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

L-attur minn naha l-ohra jargumenta li dan l-artikolu mhuwhiex applikabbli ghall-kaz tal-lum il-ghaliex il-bazi tal-azzjoni hija wahda ta' danni naxxenti minn kuntratt ta' kera u ghalhekk *se mai* hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' kwinkwennali.

Intqal hekk fil-kaz **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deciz fit-13 ta' Gunju 2013**[24] **-**

*"Is-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu li l-azzjoni attrici hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha ghad-danni li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt. L-attur da parti tieghu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni taghha hi wahda kuntrattwali……*

*[…..]*

*Hu ribadit fil-gurisprudenza taghna li ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-*danni, *u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien talpreskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-*

24 Cit 353/05

*preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;*

*Hu ghalhekk pacifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodici Civili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per ez. "**Calafato vs Muscat**", deciza fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawza "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, gie konfermat li l-preskrizzjoni applikabbli tkun ta' hames snin jekk id-danni huma rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*
*Il-kwistjoni in ezami hija jekk il-kolpa fil-kaz prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kwazi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri**" deciza fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta'*

*din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkazzjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ccitat Laurent li jghallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

*Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-awturi Baudry-Lacantinerie li jghidu "La prescrizione dell'azione pubblica non si applica all' azione civile se non quando questa abbia esclusivamente per base un crimine, un delitto, una contravvenzione; e' inapplicabile quando l'azione all'infuori di un fatto delittuoso, ha la sua base in un contratto anteriore a questo fatto o in una disposizione di diritto civile."*

*Hu ammess il-konkors bejn ir-responsabbilita' kontrattwali u dik extra kontrattwali. Kif gie deciz fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Vassallo vs Mizzi et**", deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi "l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ' ex nunc'. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skont il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

*Ukoll fil-kaz fl-ismijiet "**Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et.**" (deciza fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110) gie deciz li "ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u htija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kwazidelitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet – dik nascenti minn htija contrattuale u dik nascenti minn htija extra contrattuale."*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. B'hekk ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skont il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti.*

*L-awtur Andrea Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale. Din ic-citazzjoni hija citata f'diversi sentenzi recenti tal-Qrati taghna u, ghall-iktar carezza, qed tigi hawnhekk abbraccjata wkoll minn din il-Qorti:*

*"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". L-awtur jispjega li fl-ambitu tar-responsabbilita'*

*"extra contrattuale ... un rapporto obbligatorio ancora non esiste tra le parti ed essa consiste nella trasgresione di un dovere generico di contegno."*

Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti tqis fl-ewwel lok illi ma hemm ebda dubju li tezisti relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuta bis-sahha ta' kuntratt ta' kirja tal-fondi in kwistjoni, liema relazzjoni giet konfermata bis-sentenzi moghtija fil-proceduri Rik Nru 362/08 fl-ismijiet *Antonio Ruggier vs Milica Micovic noe.* Analizzata l-bazi tal-azzjoni attrici ghad-danni, l-Qorti ssib li din mhijiex izolata u distinta minn din ir-relazzjoni kontrattwali izda proprju arginata fuqha. It-talbiet attrici nfatti huma mibnija fuq l-allegazzjoni li bhala inkwilin ta' dawn il-fondi, l-attur spicca zgumbrat minhabba Mandati ta' Zgumbrament ottjenuti in ezekuzzjoni ta' sentenzi tal-Bord li Jirregola l-Kera decizi kontra ibnu izda mhux kontrih b'dana li sofra danni. Mela huwa car li dak li qed jitlob l-attur jipprexxindi mill-fatt li ***qua* inkwilin** gew allegatament vjolati d-drittijiet tieghu tat-tgawdija u l-pussess tal-fondi mikrija. Il-kawza ghad-danni hija konsegwentement konnessa ma' allegat inadempjenza da parti tal-konvenuta *noe* milli tonora l-obbligi kuntrattwali taghha bhala sid taz-zewg fondi mikrija lill-attur.

Fic-cirkustanzi ghalhekk, l**-artikolu 2153 tal-Kap 16 invokat mill-konvenuta mhuwhiex applikabbli ghall-kaz** in kwantu kif ampjament muri fil-gurisprudenza citata, dan jghodd biss f'kazijiet ta' kolpa extra-kuntrattwali.

Ghall-istess ragunijiet, ghandu ragun l-attur jargumenta li hija l-preskrizzjoni ta' hames snin li hija applikabbli ghal kazijiet bhal dak odjern u dan kif anke konfermat mill-gurisprudenza estensiva citata.

## 2. Minn meta setghet tigi ezercitata l-azzjoni

Stabbilit dan, it-tieni argument dibattut bejn il-partijiet kien dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setghet tiskatta.

Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kaz **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deciz fit-28 t'April 2016**[25] **-**

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew talkondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq ilmassima li "actio non natae non praescribititur"*[26] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*
*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jagixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li tterminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu ikunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghal kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra ttitular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqeghduhx fl-impossibilita` li jagixxi."*

---

[25] Rik Gur 1051/2007
[26] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003

Fil-kaz **Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et deciz fit-8 t'Ottubru 2014**[27] il-Qorti kompliet li-

*"……kif intqal fil-kawza fl-ismijiet* ***Anna Vella vs Eric Darmanin*** *(deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla, mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Dicembru, 2012):*

*"Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994),*

*Di piu' fil-kaz* ***Kuludrovic vs Muscat****, deciza fl-1 ta' Gunju 1959, il-Qorti tal-Appell Kummercjali per President Anthony Mamo, irriteniet:*

*"****Bianco vs Demarco****", deciza fit-2 ta'Gunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jigri kif appuntu fil-kaz prezenti, il-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza " Se l esercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);"*

[27] Cit Nru 398/05

Fil-kaz odjern, l-izgumbrament tal-attur mill-fondi sehh fid-**29 ta' Mejju 2008**.

Kif inghad, fid-**29 t'Ottubru 2009**, l-attur odjern kien baghat ittra ufficjali lill-konvenuta odjerna fejn b'rizultat tal-proceduri li kienu ttiehdu fil-Bord tal-Kera u fil-Prim Awla tal-Qorti Civili huwa kien qieghed izomm lil Micovic responsabbli ghad-danni kollha sofferti minnu u nterpellaha sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni konsegwenzjali. Din l-ittra ufficjali giet segwita b'ohra bazata fuq l-istess binarji fil-**11 t'Ottubru 2011**.

**Izda mportanti l-fatt li sa minn <u>qabel</u> ma sehh dak l-izgumbrament**, l-attur kien intavola l-proceduri Rik Nru 326/08 fl-ismijiet *Antonio Ruggier vs Milica Micovic noe.* Il-Qorti tqis li l-ezitu ta' dawk il-proceduri kien krucjali sabiex jigi determinat u konfermat it-titolu ta' inkwilin li a bazi tieghu huwa qieghed jivvanta l-pretensjonijiet ghad-danni fil-kawza odjerna. Dawk il-proceduri gew istitwiti fl-14 ta' April 2008 u gew konkluzi definittivament fid-29 ta' Mejju 2015. Minn dan isegwi illi kien mill-mument li tali proceduri ghaddew in gudikat illi skatta d-dritt tal-attur odjern li jagixxi kontra l-konvenuta ghad-danni.

Certament ghalhekk illi la qabel id-29 ta' Mejju 2015, l-attur ma kienx f'pozizzjoni li jipprocedi bi proceduri ghal danni u l-proceduri odjerni bdew biss ftit xhur wara, u cioe' fit-18 ta' Settembru 2015, zgur ma hemm ebda dubju li ma tezisti ebda preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna.

**Fi kwalunke kaz pero' dak kollu li ghadu kif inghad fis-suespost huwa suggett ghall-principju l-iehor li d-difensur tal-attur issolleva waqt it-trattazzjoni, u cioe' l-possibilita' tar-rinunzja tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenuta.**

## 3. Rinunzja tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni

L-attur stieden lill-Qorti tevalwa jekk in vista ta' dak li xehdet dwaru l-konvenuta kellhiex titqies li rrinunzjat ghall-kwalunkwe preskrizzjoni.

Skont l-Art 2109(1) tal-Kap 16 -

*"Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista` tkun espressa jew taċita."*

Skont l-Art 2109(2) tal-Kap 16 -

*"Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat".*

Ir-rinunzja f'dawn ic-cirkustanzi trid tkun wahda cara u inekwivoka. U rinunzja tacita timmanifesta ruhha biss f'cirkustanzi li jippresupponu dan l-abbandun b'mod car u inekwivoku.

Kif inghad fil-kaz **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku vs HSBC Bank Malta p.l.c deciz fl-1 ta' Lulju 2014**[28] **-**

*"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Is-socjeta kummercjali Dominic Department Stores Limited vs Is-socjeta kummercjali Malta Diary Products Limited**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-*

*14. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk: "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

[28] Rik Nru 1192/12

*Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta` l-Appell tat-30 ta` Mejju 1952 fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe****. jinghad hekk: "Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista` tkun diretta u espressa, b`dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt; tista` tkun diretta u tacita, b`fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`; u tista` tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili malvolonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur,* ***u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b`mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt;***[29]

*Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod.Nap., XI. P. 190, para. 179), "...........* ***nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca.***[30]*..........."*

*Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci ...... Il-Baudry- Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi:- "****Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito"***[31]**.**

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti (PA/NC) fil-kawza* ***"Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission"*** *inghad hekk :-*

[29] Enfasi tal-Qorti
[30] Enfasi tal-Qorti.
[31] Enfasi tal-qorti.

*Illi l-Artikolu 2133 tal-Kap.16 jiddisponi li "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja".*

*"Kif josserva l-Laurent ir-rikonoxximent huwa rinuzia ` Chi riconosce I diritti del creditore fa una rinuncia ..... il riconoscimento implica una rinunzia; coll` ammetere il diritto della persona contro la quale si sta prescrivendo io rinuncio a valermi del tempo gia corso a mio profitto`. Il-gurisprudenza maltija [Prim Awla* ***Farrugia vs Perini****] ikkunsidrat l-interruzzjoni anki bhala `l` abdicazione di un diritto` [App.Civ.* ***Alfred Brownrigg vs Giuseppe Fenech****].*

*[.....]*
*F` dan ir- rigward huwa rilevanti dak li osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Anthony Guillaumier vs Joseph Cassar Aveta*** *fis-sens li trattattivi bi skop ta` transazzjoni jinterrompu l-preskrizzjoni u jghatu fondament ghar-rinuzja interruttiva tacita tal-istess "reggiandosi negli effetti la rinunzia alla prescrizione alla ricognizione, sia pure tacita, del proprio debito sull fondamento che il debitore quando si presta alle trattative, riconosce la sussistenza delle pretese e fa` abbastanza perche` il precetto [tal-ligi] sia sodisfatto [Vol.XXIV.II.589; XXXII.I.639; XVIII.II.621; XLII.I.153]"*

…

*In tema legali jigi osservat li l-ligi tistipula li "Tista` ssir rinunzja ghall-preskrizzjoni gia akkwistata" [Art.2108(2)] u fl-Artikolu sussegwenti tghid hekk: "(1) Ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista` tkun espressa jew tacita; (2) Ir-rinunzja tacita tigi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat".*

*Illi r-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv ta` l-*

*azzjoni trid tirrizulta "da un fatto che suppone l`abbandono del diritto acquistato....Comunque sia, non potrebbe esservi dubbio sul pensiero della Corte...... La volonta` tacita` deve essere tanto certa quanto la volonta` espressa....... il fatto deve essere di tale natura, che non lasci nessun dubbio sulla intenzione di abbandonare il diritto acquisito colla prescrizione". Fi kliem iehor ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tikun rizultat ta` attijiet jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b` haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni [Vol.XXIX.I.326]. Fil-kaz ta` dubbju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur."*

Din il-Qorti stess fil-kaz **Nazzareno Calleja vs A.X.T Properties Limited et deciz fid-29 ta' Jannar 2016**[32] ukoll elenkat rassenja estensiva ta' gurisprudenza in materja -

*"Decizjoni ohra li ghaliha ghamel referenza l-kjamat in kawza hija dik ta'* ***Mizzi***

***vs Camilleri*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri datata 20 ta' Ottubru, 2004, Appell Civili Numru 1590/1998/1. F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet studju akkurat tal-principji u l-elementi li ghandhom iwasslu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni minhabba rikonoxximent tad-debitu u ziedet tghid li tali rikonnoxximent minhabba li jgib mieghu l-abbandun ta' dritt akkwisitiv jinhtieg li jkun wiehed car u inekwivoku u li "fejn jezisti dubju serju (ghal dan) ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt". (****Kollez. Vol XXXIII pl p44****). F'din is-sentenza l-Qorti kienet fil-fatt qed tezamina r-rinunzja tal-preskrizzjoni fejn ikun hemm trattattivi u negozjati bejn il-partijiet; sostniet il-Qorti li dawn ma jwasslu qatt ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni.*

[32] Rik Gur 270/14

*Fin-nota ta' referenzi tal-istess kjamat in kawza nsibu wkoll referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri fl-ismijiet* ***Austin Psaila vs Lother Slabick*** *deciza fid-9 ta' Frar, 2005. Hawn ukoll il-Qorti taghti succinct ta' atti li jistghu jwasslu ghal rikonnoxximent tad-dejn bil-konsegwenza ta' rinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:*

*"Illi l-gurisprudenza tghallem illi gharfien tal-jedd mid-debitur irid ikun wiehed car u univoku. Inoltre semplici kollokwji jew konversazzjonijiet bejn il-kreditur u d-debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn u ghalhekk ma jistghu qatt jinterrompu l-preskrizzjoni jew inkella jigu interpretati bhala rinunzja da parti tad-debitur ghal preksrizzjoni li ikun idekorra favur tieghu. (ara sentenza PA 15.10.2003 –* ***Perit Arkitett Joseph Barbara vs Segretarju tal-War Damage Commission****, u wkoll Appell Superjuri 30.05.2003 –* ***Domenic Department Stores Ltd. vs Malta Dairy Products Ltd.****)"*

*Omissis*

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts".*

*[….]*

*Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fl-ismijiet* ***Mary Rose Tabone qabel Stellini vs Silvio Vassallo*** *pro et noe deciza fil-24 ta' Marzu, 2004; App 618/20001/1 nsibu:*

*"Issokta jigi osservat ukoll illi "jekk id-debitur jirrikonixxi d-dejn dan ir-rikonoxximent jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni u dan ir-rikonoxximent jista' jkun anke prezunt jew indirett. U lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantita` kollha dovuta, u jista'jirrigwarda kreditu illikwidu" (***Kollez. Vol. XLIII pII p744;Vol XLV pII p632***)."*

*"Gie sewwa ritenut illi fejn id-debitur ma jichadx id-dejn* ***imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur****, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ("****Anthony Fenech et noe –vs- John Saliba****", Qorti Kummerc, 21 ta' April 1971; "****Victor Calleja noe –vs- Nazzareno Vassallo et noe****", Appell, 5 ta' Ottubru 1998). Dan japplika wkoll jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni ("****Alfredo Borg –vs- Carmelo Brincat et****", Appell Civili 5 ta' Gunju 1959)." ( Emfasi tal-Qorti).*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Vincent Buttigieg vs Qala St.Joseph Football Club*** *Citaz. Nru 72/2005 ta' 14 ta' Dicembru, 2007 insibu ukoll ritenut;*

*"Kienet tkun differenti l-kwistjoni kieku per ezempju l-kontestazzjoni kienet dwar il-quantum. ....."* ***vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammonto dovuto, e la espressione come sopra usata del convenuto ( li ma kelux jaghti daqshekk) dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore, ma non riconosceva come esatta la somma da costui pretesa"*** *(Vol XXVI.i.441) citata fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Guilliamier vs Joseph Aveta nomine*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Dicembru 1998." (emfasi tal-Qorti)*

*Dan il-principju tal-inkompatibilita` tal-eccezzjoni li tikkontesta l-quantum ma dik ta' preskrizzjoni huwa fil-fatt wiehed ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna tant li frankament il-Qorti tista' tibqa' ticcita sentenzi b'din il-konkluzjoni ad naseum. Huwa fil-fatt kontrarju sensu li persuna l-ewwel tilqa' ghat-talbiet attrici billi tinvoka a favur taghha t-trapass taz-zmien preskrittiv meta fl-istess nifs tibqa' tinsisti anke jekk bla pregiudizzju li l-ammont jibqa' in kontestazzjoni, ghax jew insistenti li mhux l-ammont kollu huwa dovut jew li ebda ammont mhu dovut minhabba li ghadda z-zmien permess mill-ligi ghal azzjoni tal-irkupru tieghu. Jekk jibqa' in kontestazzjoni l-ammont, il-quantum, allura d-dibattitu huwa u ghandu jkun fuq dak li hu korrettement dovut u mhux fuq dak li gie mitluf bit-trapass taz-zmien. It-triq li ghazel id-debitur tirrifletti car il-kelma tal-ligi (Artikolu 2109 Kap 16) dwar ir-rinunzja ghal preskrizzjoni ghax fil-fehma ta' din il-Qorti kien ferm explicitu fil-konfront tal-kontestazzjoni tieghu bil-konsegwenzi li wassluh ghar-rinunzja."*

Inghad dan fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et vs Segretarju tal-War Damage Commission**[33] illi: "*In kwantu ghar-rinunzja tal-preskrizzjoni gia kompita, gie osservat li min jaccetta li jhallas parti minn somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall preskrizzjoni ga akkwstata. Trattattivi bi skop ta` transazzjoni jinterrompu l preskrizzjoni u jaghtu fondament ghar-rinuzja interruttiva tacita tal-istess ghaliex meta d-debitur jippresta ruhu ghat-trattativi jirrikonoxxi s-sussistenza tal-pretensjonijiet. Biex l-attijiet tad-debitur jigu nterpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci. Semplici kollokwji bejn kreditur u debitur ma jammontawx ghal rikonoxximent tad-dejn.*

[33] PA/NC 15/10/2003.

*Ir-rikonoxximent, da parti tad-debitur, li jinterrompi l-preskrizzjoni jrid jirrizulta minn provi cari u univoci u li manifestament ikunu `inkompatibbli mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizju tad-dritt`.*

*[.....]*

*Ir-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv ta` l azzjoni trid tirrizulta minn fatt li jippresupponi l-abbandun tad-dritt akkwistat. Il-volonta` tacita ghandha tkun certa daqs dik espressa, u ghalhekk ir-rinunzja trid tkun tali li ma thalli ebda dubju dwar l-intenzjoni li jigi abbandunat id-dritt akkwiistat permezz tal-preskrizzjoni. Fi kliem iehor ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tikun rizultat ta` attijiet jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b` haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni. Fil-kaz ta` dubbju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur.''*[34]

Ghal fini ta' dan l-istudju din il-Qorti se tislet parti mir-ragunament li sar mill-Qorti ta' l-Appell Civili fid-decizzjoni fl-ismijiet **Intercomp Ltd vs Boris Archidiacono**[35] deciza fis-27 ta' Marzu, 2015:

*"23. Huwa minnu li fix-xhieda tieghu in subizzjoni dan ix-xhud xehed li "Bhala records nghid li l-istatements {li juri l-pagamenti tal-krijiet pretizi mis-socjeta' attrici] huwa korrett, jekk mhux dovuti hi xi haga ohra minhabba problemi teknici li ikellna.", izda dan ma jammontax ghar-rikonoxximent tad-dejn, interruttiv tal-perjodu preskrittiv, ghax fid-depozizzjoni tieghu dan ix-xhud, ghalkemm jghid li mhux qed jikkontesta l-kontenut tal-istatements ezebiti, mhuwiex qed tirrikonoxxi d-dritt tal-attrici bhala kreditrici ghal dawk l-ammonti. Dan jirrizulta manifest mill-fatt provat li dan ix-xhud ab initio kien*

[34] Ara ukoll f'dan ir-rigward decizzjoni PA/JZM 1226/1993/1 Antonia Spiteri et. vs George Schembri.
[35] 57/2007/12

*ghamilha cara fix-xhieda tieghu li kien qed jikkontesta l-pretensjoni attrici li l-ammont pretiz minnha huwa dovut mill-konvenuta. Ghalhekk din is-silta ma tistax titqies bhala rinunzja cara u univoka li l-konvenuta rrikonoxxiet id-dritt tal-attrici ghall-kreditu pretiz minnha.5*

*Stabbiliti dawn il-principji, huwa pacifiku li fil-kaz odjern sar inkontru wiehed bla pregudizzju bejn il-partijiet li fih gew diskussi d-danni pretizi mill-attur. Dak li jrid jigi evalwat huwa jekk dan l-inkontru kienx sempliciment kollokwju jew konversazzjoni, inkella kienx hemm xi ammissjoni da parti tal-konvenuta li danni kienu dovuti lill-attur."*

Insibu ukoll illi " … *jigi sottolinejat ukoll illi l-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit. Apprezzament li hu incensurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni jekk jinstab li dan ikun sorrett minn motivazzjoni kongruwa u serja."* - **Austin Psaila vs Lother Slabick App.Inf.544/2003 deciza fid-09 ta' Frar 2005**.

Din il-qorti ghalhekk se tghaddi biex taghmel l-istess ezercizzju biex mill-provi mressqa s'issa tasal ghal konklussjoni jekk kif-trattattivi bejn il-partijiet ammessi mill-istess intimata kieux jikostitwixxu rinunzja da parti taghha ghal preskrizjoni nvokata.

Fid-dikjarazzjoni tal-konvenuta **mahlufa bil-gurament**, u annessa mar-risposta guramentata taghha hija tghid hekk -

*"8. Li fil-perjodu bejn is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u l-ftuh ta' din il-kawza (izda qatt qabel!), r-rikorrenti talab hlas ta' danni, liema danni allegatament kienu jikkonsistu f'telf ta' profitti kif ukoll f'telf tal-avvjament tan-negozju*

*tieghu, li skond hu kienu jammontaw ghal aktar minn erbat elef Ewro. Huwa addirittura talab €650,000 biex ikopru dawn id-danni u biex icedi l-kirja;*

*9. Li l-intimata nomine talbitu, minghajr pregudizzju, li jiggustifika l-ammont li talab billi jissostanzja b'xi mod it-talba tieghu, sabiex tkun tista' tressaqha lis-sidien l-ohra ghall-konsiderazzjoni taghhom. Minkejja li talbet dan diversi drabi r-rikorrent baqa' ma taha l-ebda prova;*

*10. Li effettivament ir-rikorrent talab biss, izda ma pproduca ebda evidenza in sostenn tat-talba tieghu; ghalhekk huwa ppretenda illi l-intimata nomine thallas mijiet ta' eluf ta' Ewro fuq semplici talba, haga li naturalment ma setghetx taccetta;*

*11. Li ghalhekk huwa skorrett ir-rikorrent meta jghid illi "naqset milli tersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni……minghajr ebda raguni valida fil-ligi";*

*12. Li nonstante dan l-intimata nomine wriet il-buona volonta' taghha billi offriet, minghajr pregudizzju, somma lir-rikorrent ghar-rilaxx tal-proprjeta' u biex taghmel tajjeb ghall-allegati danni, izda dina giet skartata minghajr ebda konsiderazzjoni;*

*13. Li waqt in-negozjati r-rikorrent wera riluttanza kbira li jissostanzja t-talba tieghu b'dokumentazzjoni, jew b'xi prova ohra li turi mqar prima facie, li dak li qed jitlob huwa minnu. Minflok ipprova jiggustifika t-talba ezorbitanti tieghu bl-argument illi proprjeta' bhal din tista' tirrendi kera gholja, daqs li kieku d-danni allegatament subiti ghandhom xi rabta mal-kera li talvolta jistghu*

*idahhlu s-sidien! Ghalhekk l-intimata nomine inghatat x'tifhem illi r-rikorrent ried biss japprofitta ruhu minnha*[36]*;"*

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti il-konvenuta amplifikat il-pozizzjoni taghha hekk –

*"Xhud:* ***Mela jien qed nghid wara skoprejna li se jkun hemm danni jien irragunajt ahjar nirrangaw u naraw x'jippretendu bhala danni****. Jiena bonarjament amikament bla pregudizzju intqajna Dr Galea u Dr Schembri biex naraw.*

*Qorti: X'tistghu tirrangaw.*

*Xhud: Il-pretensjonijiet.*
*Qorti: U x'kienu l-pretensjonijiet?*

*[...]*

*Xhud: Bla pregudizzju.*

*Dr Simon Galea Testaferrata: .....f'dak l-inkontru d-diskors li ntqal semmew, issemmew danni.*

*Xhud: Iva.*

*Dr Simon Galea Testaferrata: Issa minghajr ma nidhlu fid-dettalji xi tlabt lin-naha l-ohra biex jipproducu fir-rigward tad-danni?*

---

[36] Fol 46

*Xhud: **Jien ghidt ma tistax tfajjar fl-arju u tghidli trid daqshekk ghatini l-account jiena mmur lura ghand il-familja nghidilhom dan sofra daqshekk qed jippretendi daqshekk ma rcivejna xejn**[37]."*

Huwa veru li din id-diskussjoni sehhet bla pregudizzju. Izda l-punt krucjali li jemergi minn dan kollu huwa li l-konvenuta ma kkontestatx li danni kienu dovuti lill-attur, anzi gharfet u rrikonoxxiet li huwa kien intitolat ghalihom. **Dan ghad-differenza ta' kontestazzjoni jekk id-danni kienux fil-fatt dovuti.** Infatti l-ghan tat-tahdidiet bla pregudizzju kien biss sabiex potenzjalment jaslu ghal ftehim **dwar il-*quantum*** u fi kliem il-konvenuta stess, huma baqghu ma waslux ghal ftehim ghax l-ammont li talab kien wiehed astronomiku li ma ssostanzjahx b'dokumentazzjoni. In vista tal-gurisprudenza estensiva kwotata, f'cirkostanzi bhal dawn, ir-rikonoxximent tad-debitu ggib maghha r-rinunzja ta' kull eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Din id-distinzzjoni ta' differenza bejn r-rikonoximent tad-dejn dovut, anke jekk in kontestazzjoni biss il-*quantum*, ad differenza tar-rikonnoximent tad-dritt vantat innifsu, hija wahda kardinali minhabba l-fatt illi mod iehor tohnoq kull attentat ta'transazzjoni, tant illi jinghad *""Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwestjonijiet reciproci b' xi transazzjoni jew b' mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju"* ("**Giovanna Mifsud *nominee et* -vs- Rosaria Felice Gay**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1972; "**Joseph Chircop *et* -vs- Salvatore Muscat *nomine***", Appell, 28 ta' April 2000.

Il-konkluzjoni tal-Qorti ghalhekk hi li thares mill-liema angolu thares lejha, l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta ma tregix. Anke jekk, kif irrizulta fil-

[37] Fol 61-62

principipju, fil-kaz tal-lum ma hemm ebda kaz ta' preskrizzjoni, fi kwalunkwe kaz il-konvenuta stess kienet irrinunzjat ghaliha bl-agir taghha u ghalhekk l-eccezzjoni mressqa minnha ma tista' qatt tirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez marbuta ma' din l-eccezzjoni jkunu a karigu tal-konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**